Avviż Numru CCT 41/19/F

**Christopher Zammit u Alexander Farrugia**

**vs**

**Triple A – Kurt u Raymond Micallef**

Illum, 11 t'Ottubru, 2019

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fid-9 t'April, 2019 fejn ir-rikorrenti talbu danni ta' ħames mitt Ewro (€500), rappreżentanti l-prezz ta' fridge illi kienet qegħda tqattar.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huma l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' intimata li huwa rappreżentant tas-soċjeta' intimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettew bil-miktub illi huma kienu xtraw fridge u wara ftit bdiet tqattar, u li kien hemm diversi problemi oħrajn.

Is-soċjeta' ntimata ssottomettiet illi dan huwa tort tar-rikorrenti minħabba l-fatt illi hemm ħafna umdita' fid-dar tar-rikorrenti li qed iġiegħel lil fridge ma taħdimx tajjeb.

Illi l-intimat mar għall-għarrieda u hemm irranġa s-sitwazzjoni.

Illi fl-aħħar seduta, l-partijiet ittrattaw dan il-każ, pero' t-Tribunal jinnota li jidher li dawn l-affarijiet ġew irranġati.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jiċħad it-talba tar-rikorrenti, u bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn iż-żewġ partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**